ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

**<u>Minuti tat-42 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's</u>**

It-42 laqgħa tal-Kumtitat Amministrattiv St Peter's saret nhar it-Tnejn, 17 ta' Ġunju, 2013 fis-6:00 ta' filgħaxija.

<u>Item 1- Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews u l-membri s-Sur Luciano Farrugia u s-Sur Simon Vella.

Is-Sur Mario Bartolo kien skużat.

<u>Item 2- Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Fuq proposta tas-Sur Vella li ġiet issekondata mis-Sur Clews, il-minuti tal-41 laqgħa ġew unanimament approvati.

<u>Item 3 - Mistoqsijiet u Affarjiet mill-Minuti</u>

Dwar l-allokazzjoni li ngħatat lill-Kumitat Amministrattiv St Peter's, iċ-Chairperson ipproponiet li tinkiteb ittra għal aktar fondi biex ikun jista' jitwettaq xogħol li huwa bżonn isir speċjalment fit-toroq. Iċ-Chairperson qalet li l-allokazzjoni ta' €66,520 mhux ser tkun biżżejjed biex il-Kumitat ilaħħaq mal-ispiża rikorrenti biex jonora l-kuntratt u jwettaq xi xogħol ta' manutenzjoni li verament hemm bżonn isir.

Is-Sinjura Debattista semmiet il-ħajt tas-sejjieħ li nbena fi Triq l-Għakrux u qalet li r-residenti qed jitolbu li dan il-ħajt jiġi estiż għal Triq il-Farfett tal-Fejġel.

<u>Item 4 – Korrispondenza</u>

Ma kienx hemm korrispondenza.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Dwar l-artijiet mitluqa fi Triq Patri Feliċjan Grech u Triq il-Farfett tal-Fejġel, is-Sur Simon Vella qal li l-art li hemm maġenb ir-residenza tiegħu fiha hemm skart u saħansitra qabdet bin-nar.

Iċ-Chairperson infurmat lill-Kumitat b'dak li ġie diskuss fil-laqgħa li membri tal-Kumitat kellhom mal-Onorevoli Joe Mizzi, Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura.

Iċ-Chairperson qalet li matul il-laqgħa kienet ressqet, flimkien mal-membri l-oħra tal-Kumitat, diversi lmenti dwar il-ħtieġa li jiġu asfaltati t-toroq li għadhom mhux asfaltati f'St Peter's. Issemmew ukoll l-entratura ta' Triq l-Għakrux, l-għajnuna finanzjarja biex jiġi rranġat il-bandli u lmenti oħra.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Farrugia talab li hekk kif jitlesta x-xogħol ta' resurfacing fi Triq il-Marżebb, il-Kumitat jibgħat l-ittri lir-residenti biex il-Kumitat jieħu l-opinjoni tagħhom dwar is-sistema ta' one way.

Iċ-Chairperson tablet ukoll li l-bus stops li hemm viċin il-ħanut Tonmar Store fi Triq l-Għakrux.

Is-Sur Vella talab li jiġu rranġati l-ħitan li hemm fi Triq Patri Feliċjan Grech.

Il-laqgħa spiċċat fis-6:45 ta' filgħaxija

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-43 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 17 ta' Lulju, 2013.

Maria Elena Debattista
Chairperson